Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

4 ta' Jannar 2017

**Id-Disgħa u Sittin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa se ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 <u>fis-6.00pm</u>, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AĠENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Sejħa għall-Offerti Nru. 9/2016 - Provista u tqegħid fil-post ta' Tagħmir għall-Logħob tat-Tfal u Affarijiet oħra marbuta miegħu, għal Gnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani
6. Sejħa għall-Offerti Nru. 10/2016 - Immaniġġjar ta' Kuntratti (Operat tal-Kunsill in Ġenerali) u Servizzi Anċillari
7. Sejħa għall-Offerti Nru. 11/2016 - Tindif ta' Toroq Mhux Urbani
8. Mozzjoni dwar l-għoti ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill
9. Impjieg ta' Assistent Prinċipal (Skala 11) -Ħatra ta' Sotto-Kumitat ta' Intervista

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

C:\Users\Carmel Debono\Documents\Council Agendas\7th Council\Agd7_69.docx

# MOZZJONIJIET

5. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

"Billi saret sejħa æall-offerti (Nru. 9/2016), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), dwar ix-xiri u t-tqegħid fil-post ta' bandli u xogħol anċillari fil-*Playing Field* ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;

Billi saret rapport tekniku mill-*Contracts Manager* tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2016 u evalwazzjoni mis-Sotto-Kumitat tal-Evalwaturi skont rapporti datati 1 ta' Novembru u 20 ta' Diċembru 2016, li l-minuti tagħhom ġew mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill qabel is-seduta Nru. 69 tal-10 ta' Jannar 2017; u

Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2017 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7525 allokat għat-Titjib ta' Ġnien il-Qigħan;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Gokker Ltd li għamel l-irħas offerta konformi mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.". (P/2/1)

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo<br>Viċi Sindku<br>**Proponent** | Emvin Bartolo<br>Kunsillier<br>**Sekondant** |

10. **Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg illi tgħid:**

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (S.L.363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill;

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2016 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Christian Mifsud, Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2016, kif jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Billi jirriżulta wkoll li l-uffiċjal fis-Servizz Ċivili – Stephen Borg – impjegat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u assenjat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa matul is-sena 2016 irrenda servizz fuq il-livelli tal-impjegati l-oħra msemmija, skont ma' jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* tiegħu;

Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2016, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6%, rispettivament, bħala *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar.". (Wages)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg<br>Sindku<br>**Proponent** | Joseph Gauci<br>Kunsillier<br>**Sekondant** |